

*Tifkiriet ta' tfuliti*

# Is-Siġġiewi fis-snin 1920-1930

**Kitba ta' Carmel Vella**

Illum il-ġurnata jien għandi 99 sena. Twelidt is-Siġġiewi fit-23 ta' Novembru 1917, l-ewwel fost erba aħwa subien. L-Ewwel Gwerra Dinjija kienet għada fl-aqwa tagħha. Malta kienet għadha kolonja tal-Ingliżi. Missieri kien suldat fir-Royal Malta Artillery l-RMA. u spiss kien ikun servizz barra mid-dar. Ommi dejjem waħeda fid-dar li kellna fi Triq il-Kbira.

Meta twelidt missieri kien għassa fil-fortizza tal-Madliena, qrib l-Imġarr. Ċemplulu minn telefon primittiv mill-għassa tar-raħal u minnufih ġab permess u, fin-nuqqas ta' mezzi ta' transport, niżel is-Siġġiewi bil-mixi.

Kont għadni fil-ħrieqi meta spiċċat il-gwerra fit-18 ta' Novembru 1918. L-Għaks li ħalliet il-gwerra u n-nuqqas ta' xogħol ġab inkwiet mal-pajjiż kollu. Meta ħadd ma seta' jiflaħ aktar, il-poplu qam u mijiet ta' nies iddisprati daħlu l-Belt fis-7 ta' Ġunju 1919. Il-folla mqanqla għamlet ħsarat f'xi djar ta' nies għonja u fl-uffiċċji ta' ġurnal imxaqleb lejn l-Ingliżi. Platun ta' suldati ffaċċaw il-folla u spiċċaw biex fetħu n-nar. Qatlu tlieta min-nies fuq il-post u l-għada qatlu raġel Malti ieħor. Missieri kien hemm fil-belt mar-Riġment tiegħu l-RMA, lesti li jissejħu jieħdu sehem f'dak li kien qed iseħħ. Kienu ġrajjiet imqanqla li baqgħu jissemmew u jitfakkru sal-lum bħala s-*Sette Giugno*. Meta bdejt nitfarfar, ta' xi tliet snin, kont spiss nisma' 'l missieri jirrakkonta dak li seħħ fil-belt u kollox baqa' s'issa mwaħħal f'moħħi.

Fis-sena 1921 sar tibdil fil-Kostituzzjoni tal-pajjiż u saru l-ewwel elezzjonijiet biex itellgħu gvern tal-Maltin. Il-votazzjoni saret fl-Għassa tal-Pulizjia. Jien kelli ftit iżjed minn tliet snin u missieri ħadni miegħu meta mar jivvota. Kienu jivvutaw biss l-irgiel ta' 'l fuq minn 21 sena. In-nies tar-raħal kienu fil-parti l-kbira mxaqilba lejn il-lemin. Il-partitarji ta' Strickland kienu ftit imma kienu grupp ta' nies attivi ħafna.

## Il-Qagħda fir-Raħal

Is-Siġġiewi ta' dak iż-żmien kien raħal iżolat u nieqes mill-kuntatt mal-inħawi tal-Port u tal-Belt. L-abitanti kienu jlaħħqu biss 1800 u huwa stmat li mat-tmenin fil-mija kienu bdiewa u raħħala jew nies jagħmlu ħidma konnessa mal-biedja. Għadd iżgħar ta' Siġġiwin kienu jaħdmu fil-barrieri, fix-xogħol tal-bini u tal-ġebel. Minħabba nuqqas ta' trasport, xogħol barra mir-raħal kien skars, kważi xejn.

Il-qagħda fir-raħal kienet waħda li tkexkex - faqar ma' kullimkien, toroq kollha ħotob mimlija trab li fix-xitwa jsir tajn. In-nies kienet twaddab l-ilma ħażin barra li kien joħloq nixxiegħat jiġru taħt ġnub il-bankini u l-ħitan. Kont tara tiġieġ jiġru fit-toroq qrib id-djar u, kultant, kien jidher ukoll xi ħanżir ilaqqat ikel mormi f'ċerti nħawi qalb in-nies. Il-bdiewa, fi triqthom lejn l-għelieqi tagħhom, kienu jgħaddu mit-toroq bil-bgħula, ħmir u xi baqra ukoll li tgħidx xi ħmieġ kienu jħallu warajhom. Kont tara fit-toroq ukoll raħħala b'merħliet ta' nagħaġ u mogħoż sejrin biex jirgħu fil-kampanja. Dan barra r-redus li jħallu l-mogħoż tal-bejjiegħa tal-ħalib fit-toroq u wara bwieb in-nies.

## Faqar u Mard

Il-qagħda ekonomika ħażina ħafna kienet tinħass sewwa fis-Siġġiewi. Kont tara tallaba jiġru fit-toroq, l-aktar nhar ta' Ġimgħa, jitolbu l-karità. Kienu jkunu nisa anzjani libsin ħwejjeg ta' kafkaf b'ċulqana sewda fuq rashom. Iħabbtu l-bibien; imma l-biċċa kbira tan-nisa ftit li xejn kellhom x'joffrulhom. Aktarx kienu jtuhom xi kisra ħobż u kultant munita ta' tliet jew sitt ħabbiet. Oħrajn kien jeħilsu minnhom bil-kliem *Alla jgħinek*.

Il-ħmieġ u l-ilma mniġġes fit-toroq kienu jġibu qtajja' ta' nemus u dubbien li kienu ħtija ta' ħafna mard. Fis-sajf kien jitfaċċa d-deni rqiq li kien itawwal xhur twal. Il-mard tas-sider, difterite u għawġ ieħor kienu komuni wkoll. B'xorti tajba kienet teżisti l-Berġa li kellha tabib distrettwali tajjeb ħafna – it-tabib Daniel Galea. Qabel tpoġġa s-Siġġiewi t-tabib Galea kien tabib fil-militar u kien imħarreġ sewwa fis-servizzi mediċi u fil-kura ta' ħafna mard. Barra li jservi fil-Berġa kien jagħmel il-viżti fid-djar u jibqa' jmur jara l-pazjent sakemm ifiq, jekk jibqa' ħaj. Ta' kull vista kien jitħallas xelin i.e. tnax-il ewro ċenteżmi (€0.12) tal-lum. Il-mediċini ma kinux il-prodotti lesti u l-pilloli li nsibu fl-ispiżeriji, imma r-riċetta tat-tabib kienet tinħadem b'sustanzi kimiċi mill-ispiżjar. Ma tantx kienet tkun ta' fejda.

Sforz il-faqar u nuqqas ta' kura siewja li kien hawn, kienu jmutu ħafna trabi. Ta' kull ġimgħa kienet tinstema' ddoqq il-qanpiena tal-glorja li kien ifisser funeral ta' wild ieħor minn xi familja.

Meta marid ikun ħażin sewwa kienu jġibulu t-tqarbin bil-Vjatku u jintbagħat l-isptar. Kien jinġarr bil-mixi, imbuttat minn żewġ infirmiera, fuq katalett, speċi ta' *stretcher* bir-roti, tul it-tmien kilometri mis-Siġġiewi sal-isptar Ċentrali l-Furjana, fil-post fejn illum hemm il-Kwartieri tal-Pulizija. Li tabib jibagħtek l-isptar kien kważi kundanna tal-mewt għax ftit li xejn kienu jiġu lura d-dar wara li jidħlu hemm ġew.

In-nuqqas ta' tagħlim kien jwassal in-nies li jirrikorru għal xi ħxejjex jew sustanzi naturali oħra biex ifejqu ċertu mard. L-ixkattapietra, il-fidloqqom, il-kamomilla u żerriegħa tal-ħniex kienu mfittxa ħafna għal tali għan.

## Tindif tat-Toroq

Biex inaddfu l-ħmieġ mit-toroq kien hawn għadd ta' kenniesa impjegati mal-gvern. Kienu jikinsu bl-ixkupi b'idejhom u jiġbru t-trab u l-iskart bil-pali għal ġo karretta li kienet titbattal ġo xi radam fil-qrib. Il-ħmieġ tal-bhejjem kien jinġabar għalih biex wara jintuża bħala demel fir-raba'. Fil-jiem tas-sajf, meta t-trab kien itir mar-riħ, kien jiġi tal-bexxiexa iroxx l-ilma biex imewwet ftit dawk it-trabijiet. Il-bexxiexa kienet tkun bettija mdaqqsa mimlija bl-ilma. Fuq wara kellha manka tal-kanvas li fit-tarf tagħha jkollha bexxiexa tal-landa kollha toqob. Din kienet tintrabat ma' ħabel twil li l-bexxiex kien iżomm f'idu u jxejjer lil hinn u lil hawn waqt li jbexxex l-ilma tul it-triq sakemm titbattal il-bettija.

Il-misraħ wesgħan ta' quddiem il-knisja wkoll kien jinsab f'dak l-istat ħażin. Ħotob u ġebel imqabbeż ma' kullimkien li fosthom kien jikber il-ħaxix. Niftakar, li fis-sajf kien jintbexx kuljum biex tittaffa ftit il-foga tat-trab li kieku kienet tifga lin-nies li ta' kull filgħaxija jiltaqgħu hemm biex jgħidu kelmtejn wara sigħat ta' ħidma iebsa fl-għelieqi tagħhom.

Billejl it-toroq ewlelin kien jinxtgħelu b'fanali tal-ħġieġ li kienu jitwaħħlu mal-ħitan fil-kantunieri. F'kull fanal ikun hemm lampa tal-pitrolju b'tubu tal-ħġieġ. Kienu jinxtgħelu wara nżul ix-xemx minn raġel li kien jitla' qribhom b'sellum u jixgħelhom wieħed wieħed. Filgħodu, wara s-sebħ, kien jerġa' jiġi b'kanna twila tal-ħadid li kien jonfoħ fiha u jitfihom. Matul il-ġimgħa kien ukoll jiġi bis-sellum u kull tant żmien inaddaf il-ħġieġ tal-fanal u t-tubu tal-lampa u jimliehom bil-pitrolju. Ma tantx kienu jagħtu dawl imma, almenu, kienu juruk fejn timxi f'dawk id-dlamijiet.

## Il-Pulizija

Fil-misraħ kien hemm l-Għassa tal-Pulizija li kient tinsab qrib il-knisja fil-post fejn illum hemm Dar Ommna Marija. Kien ikun hemm surġent u tlieta jew erba' pulizija. L-ispettur kellu l-uffiċċju r-Rabat. Il-pulizija kienu jagħmlu r-ronda kuljum, l-aktar filgħaxija. Kienu jduru mat-toroq u jħarrku lil kull min isibu jikser il-liġi, lil min jaqbdu jitfa l-ilma barra, lill-bdiewa li kienu jidħlu bil-karettun bla dawl wara li jidlam, jew meta jinzertaw xi ġlied li jinqala' fit-toroq u kontravenzjonijiet oħra. Niftakar lis-Surġent Karlu li kien ta' dixxiplina kbira. Ma kien jaħfirha lil ħadd. Nismagħhom jgħidu li darba ħarrek lil mara tiegħu li xeħtet l-ilma fit-triq u tellagħha l-Qorti fejn weħlet tmintax irbiegħi (2s6d).

## L-Iskola

Dak iż-żmien l-iskola ma kinitx obbligatorja u ħafna nies ma kinux jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim. Kien fl-1924 li saret liġi biex ladarba t-tfal jinkitbu għall-iskola ma jkunux jistgħu jfallu u l-ġenituri tagħhom kienu jeħlu multa ta' tali nuqqas. Jien dħalt l-iskola ftit qabel għalaqt ħames snin, sena wara li daħlet fis-seħħ dik il-liġi. L-ewwel u t-tieni sena aħna t-tfal konna taħt għalliema nisa. Wara, is-subien u l-bniet kienu jinfirdu u jien mort ma' tfal oħra taħt għalliema rġiel. L-iskola fis-Siġġiewi kienet fil-pjazza fil-post fejn illum hemm il-Kunsill Lokali. Kienet twassal biss sa Standard 5. Min kien irid ikompli sas-sitt klassi ried imur Ħaż-Żebbuġ.

Miniex sa nkompli ngħid x'sar minni fil-karriera tiegħi matul ħajti għax din il-kitba tkopri biss is-snin ta' tfuliti sas-sena 1930.

## L-Oratorju

Meta kelli seba' snin għamilt il-preċett. Għad-duttrina konna mmorru l-Oratorju li hemm f'tarf Triq il-Qadima. Is-Sna Nikolina Caruana, li kienet għalliema tal-Gvern irtirata, kienet inkarigata mit-tagħlim tad-duttrina flimkien ma' tlieta jew erba' xebbiet oħra. Id-Direttur ewlieni kien Dun Ġużepp Delia li kien joqgħod f'dar quddiem l-Oratorju. Kien qassis żelanti ħafna u ta' spiss kien joħroġna lilna t-tfal għal passiġġati fl-inħawi tar-raħal waqt il-ħin liberu tal-iskola.

Il-klassijiet fl-Oratorju kienu mqassma f'tul il-korsija billi kienu jpoġġu bankijiet f'forma kwadra li fuqhom kienu jpoġġu t-tfal taħt kull għalliema. Kien ikun hemm erba' jew ħames klassijiet bħal dawn. Minn Ottubru sa ma joqrob is-sajf kienu jħejjuna għall-preċett kif ukoll għall-Griżma tal-Isqof. Meta jasal ix-xahar ta' Ġunju jagħmlulna eżami ħafif li kien iwassallna għall-Ewwel Tqarbina fil-knisja parrokkjali. Għal dik l-okkażjoni lit-tfal ma kinux ilibbsuhom il-ħwejjeġ sbieħ u fini bħal tal-lum Is-subien kienu jiġu bl-aħjar libsa li jkollhom b'ċoff abjad forma ta' salib fuq driegħhom tax-xellug. Il-bniet kienu jilbsu libsa bajda sempliċi bil-mant. Konna niltaqgħu fl-Oratorju u minn hemm nimmarċjaw għall-knisja wara l-bandalori li kienu jerfgħu l-istess tfal.

Wara ċ-ċeremonja fil-knisja t-tfal kienu jinġabru mill-ġenituri fejn dawk li jkunu jistgħu jgħamlulhom festin żgħir, imma mhux bħal dawk lussużi li jsiru llum.

L-istess ħaġa kien isir meta jasal żmien il-Griżma bid-differenza li dakinhar it-tfal kienu jistennew xi rigal żgħir mingħand il-parrinijiet. Il-parrinu tiegħi kien tagħni żewġ xelini li kienu kemxa ġmiela għal dak iż-żmien, għalkemm fi flus tal-lum jsarrfu biss xi 24 ċenteżmu ta' Euro (€0.24)

Fis-sena 1929 Dun Ġorġ Preca (illum San Ġorġ) fetaħ il-Mużew fir-raħal u minn dak iż-żmien it-tagħlim tad-duttrina għas-subien beda jsir f'dak il-post. Jidhirli li l-bniet baqgħu jużaw l-Oratorju sakemm fetħet fergħa tal-mużew għalihom.

## Il-Knisja

Fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu li għadda l-knisja parrokkjali kienet għadha nieqsa minn kull ornament. L-art kienet taċ-ċangatura u fil-korsija kienu għadhom jidfnu l-mejtin. Kien fl-1934, meta nbena u beda jintuża ċ-ċimiterju ta' Blat il-Qamar, li temm id-dfin fil-knisja. L-irħam fil-korsija sar fis-sena 1926 u tliet snin wara bdiet il-pittura. L-ewwel pittur kien Lazaro Pisani li pitter il-kor, il-koppla u l-lunetta tar-Rużarju li, ftit wara li lestiha, miet. Imbagħad tqabbad it-Taljan Carmine Palmieri li kompla l-lunetta tad-Duluri u l-Korsija. L-induratura fis-saqaf u l-ħitan, il-kisi tan-navati bl-irħam kif ukoll xogħlijiet ta' tiżjin oħra, saru aktar tard mis-snin li qed nikteb dwarhom.

L-ewwel kappillan ta' tfuliti kien Dun Frangicu Bonanno. Il-qassisin li niftakar kienu Dun Franġisk Cutajar, Dun Ġużepp Aquilina (Ta' Randa), Dun Ġużepp (tat-Tajjeb), Dun Pawl tas-Sus, Dun Anton taċ-Ċoċka u Dun Nikol ta' Simoru. Dwar l-aħħar tas-snin għoxrin laħaq Dun Nikol Mifsud u warajh Dun Anton Vella.

## Trasport

Sakemm kelli għaxar snin l-uniku mezz ta' trasport fir-raħal kien il-karrozzin. Kien hawn xi erba' jew ħames kuċċiera bil-karrozzin li kienu jagħtu serviz żgħir għall-Belt u lura. In-nol kien 3 soldi kull triq. Il-karrozzini kienu wkoll jinkrew minn familji jew minn xi benestanti li jfittxu ċerta kumdità biex imorru l-Belt, u f'irħula jew postijiet oħra.

Kien jeżisti wkoll it-tram li kien jitlaq lejn il-Belt minn ħdejn il-Bieb Rohan f'Ħaż-Żebbuġ. Is-Siġġiwin kienu jagħmlu użu minn dan is-servizz imma riedu jimxu kważi żewġ kilometri minn darhom sa barra Ħaż-Żebbuġ.

Fl-1929 tfaċċat l-ewwel karozza tal-linja li kien jisimha Garantita. Kien ġabha Ġużeppi Tonna taz-Zliz li beda jaħdem regolari għall-belt, minn filgħodu kmieni sas-sitta ta' filgħaxija. Karozzi oħrajn, kif ukoll servizz aktar estiż, dehru fis-snin ta' wara.

## Biedja u xogħol ieħor

Kif ġa għidna ħafna mill-abitanti tar-raħal kienu bdiewa. Niftakar li dak iż-żmien kienu għadhom ikabbru l-qoton u l-kemmun – prodotti li wara t-Tieni Gwerra għebu għalkollox.

Il-qoton kien joħloq xogħol ieħor ġewwa r-raħal. Ħafna nisa tal-bdiewa kienu jagħżlu l-qoton, isaffuh mill-ħmieġ u miż-żerriegħa u jagħmluh ħjut. Naf raġel jismu Lonzu li kien daqqaq tal-qoton Kellu ħanut żgħir fi Triq tan-Nofs mogħni bl-għodda li kien juża, jiġifieri il-*watar* u ċ-*ċikk*. Kien idoqq il-qoton biċ-ċikk fuq il-watar, irattbu u jsaffih biex jagħmlu tajjeb għan-newl. Kien hawn min kellu newl fid-dar li kien jinseġ ħwejjeġ varji mill-ħjut tal-qoton. Kien hawn iż-żebbiegħ li kien jiżbogħ id-drapp kulur kaħlani li bih kienu jħitu l-qliezet għall-bdiewa. Mid-drapp tal-qoton kienu jitħietu ilbiesi, lożor, tvalji, xallijiet u oġġetti oħrajn. Fuq in-newl kienu jinsġu wkoll ħwejjeġ tas-suf li kienu jieħdu meta iġiżżu n-nagħaġ li kienu jitrabbew fid-djar u l-irzizet.

Għadd ta' nies mis-Siġġiewi kienu jaħdmu fil-barrieri, kif ukoll fuq xogħol ta' bini – bennejja, naġġara, ħaddiema tal-lavur u manwala, jiġifieri dawk li jnewlu l-ġebel lill-bennej fuq il-lant tax-xogħol. Kien hemm ukoll għadd ta' ħaddiema oħrajn: Niftakar xi ħames mastrudaxxi, żewġ ħaddieda, erbat iskrapar u sitt ħajjata rgiel. Ftit ħajjata nisa kellhom ħanut fejn jaħdmu imma kien hemm oħrajn jaħdmu fid-dar. Il-ħajjata rgiel, nhar ta' Sibt u l-Ħadd filgħodu kienu jibdlu l-post tax-xogħol f'ħanut fejn iqaxxru l-leħja u jaqtgħu x-xagħar tal-parruċċani.

Xogħol ieħor tal-idejn kien isir barra fit-toroq. Kont tara landier isewwi borom, banjijiet u

stanjati; tal-fuħħar jirranġa xi żingla mxaqqa, xi bomblu tal-ilma u xi awrinar tal-fuħħar. Kienu jiġu bejjiegħa u xerrejja ambulanti: bħal bejjiegħa tal-faħam, tal-ħobż, tal-ħalib, tal-ħut, tal-imluħa u xerrejja ta' fniek u tjur. Darba fil-ġimgħa kien jiġi raġel mill-Imqabba, imlaqqam ta' Labura, b'karettun tal-idejn, ibigħ affarijiet tal-ħjata, kif ukoll xi almanakk li jkun għadu kif ħareġ. Minn Ħaż-Żebbuġ kienet tiġi mara, il-Monijja, tbigħ l-ixkumi u l-ħelu lit-tfal u wkoll Wistin ta' Kampana bil-pastizzi tal-irkotta u tal-piżelli. Kien ibigħhom sitt ħabbiet il-wieħed.

Sal-bidu tas-snin Għoxrin jien niftakar kien għad fadal waħda mit-tliet mtieħen tar-riħ li kienu bnew il-Kavallieri, dik tal-Barbażepp, li tinsab fi Triq il-Fawwara. Imma dik il-ħabta il-qamħ beda jintaħan bil-magni u din l-aħħar mitħna tar-riħ waqfet taħdem ukoll. Fran li jagħmlu l-ħobż, sa fejn niftakar, kien hawn xi sitta mqassmin fil-ħariet kollha tar-raħal; ħwienet tal-merċa u tal-inbid kien hawn ħafna fit-toroq kollha. Kont issib għadd ta' bajjada u nies oħra jagħmlu xogħol fid-djar.

## Għerusija u Żwieġ

Taħlit ta' sessi ma kontx tara. Meta ġuvni jieħu grazzja ma' xebba aktarx kien iqabbad ħuttaba biex twasslu jilħaq l-għan tiegħu li jiżżewwigħa. F'ħafna każi l-ġenituri jindaħlu huma x'jagħmlu wliedhom. Fil-każ li l-ġuvni jiġi aċċettat jibda jidħol, f'ħinijiet limitati, fid-dar tax-xebba sakemm jaslu għat-tieġ. Imma ftit jiem qabel, isir l-akkordju fid-dar tal-għarusa bejn il-ġenituri taż-żewġ naħat. Jiftehmu fuq id-dota u fuq xi għotjiet oħra kif ukoll fuq jum it-tieġ, fuq il-festin ta' wara u intitef oħra.

Ġimgħa qabel it-tieġ omm l-għarusa, flimkien ma'l-għarus, kienu joħorġu xħin jidlam, iħabbtu l-bibien, biex jistiednu 'l-ġirien u 'l-ħbieb. Ma kienx għadha daħlet l-użanza li jintbgħat l-invit.

It-tieġ isir jew bil-quddies filgħodu jew bil-kunsens filgħaxija. Waqt nofsinhar ta' dak il-jum isir il-pranzu tal-okkażjoni f'dar l-għarusa; Wara l-ikla l-għarajjes ma jmorrux f'darhom dakinhar. Iridu jistennew ġimgħa oħra meta allura ssir il-*Ħarġa* li tkun ikla oħra, din id-darba f'dar nies l-għarus. Wara li jintemm il-festin, il-koppja joħorġu flimkien u jitilqulha lejn id-dwejra ġdida tagħħhom. Qamar il-Għasel wara t-tieġ ma kienx għadu daħal f'Malta.

## Ħajja Soċjali

Biex itaffu ftit mir-rutina tax-xogħol in-nies tar-raħal kienet tfittex żfog billi tiddeverti fil-festi marbutin mal-Knisja fosthom il-Milied, il-Karnival, l-Għid il-Kbir, nhar Lapsi bil-bandli u bl-għana, lejlet San Ġwann bil-ħġejjeġ, l-Imnarja fil-Busket u fir-Rabat għat-tiġrija. Kienu jinfexxu jgħannu l-għana Malti akkompanjat minn żfin sempliċi. Il-festa ta' San Nikola kienet okkażjoni oħra ta' ftit divertiment. Billi ma kienx għadu wasal l-elettriku fir-raħal, il-knisja fil-festa kienet tinxtgħel b'numru ta' tazzi taż-żejt kuluriti li kienu jitwaħħlu fuq ganċi żgħar mal-faċċata. Meta kien iqum ir-riħ dawn kienu kollha jintfew.

Kienet drawwa li wara nżul ix-xemx xi rġiel, l-aktar bdiewa, kienu jmorru f'xi ħanut tax-xorb ilegilgu tazza nbid jew ipoġġu bilqiegħda fil-misraħ biex ipaċpċu ma' sħabhom. Wħud minn nisa tad-dar kienu joħorġu barra ħdejn darhom imdawrin mal-ġirien fejn jinfexxu jirrakkontaw fatti u stejjer li jkunu għaddew minnhom. Fl-iljieli xitwin l-istess nisa kienu jiltaqgħu fil-kenn ta' xi remissa qrib djarhom. Malli l-qniepen tal-knisja kienu jdoqqu t-tokki *tal-Orazzjoni* u, siegħa wara, *tal-Imwiet*, kulħadd kien jinġabar ġewwa daru. Fis-sajf *tal-imwiet* kienet iddoqq fl-għaxra, fix-xitwa siegħa qabel.

Fil-ħin liberu tagħhom matul il-ġurnata, kif ukoll billejl, aħna t-tfal konna nilagħbu u niġġerrew fit-toroq, li kienu vojta għalkollox mit-traffiku. Fost il-logħob li konna nilagħbu

niftakar il-moħba (jew noli), ġiri biċ-ċrieki, tlielaq, logħob bil-boċċi u biż-żibeġ, iċ-ċippitatu li konna nsuqu bil-frosta, iż-żugraga u mitt ħaġa oħra li konna nivvintaw.

### Il-Banda San Nikola

Il-Banda San Nikola twaqqfet fl-1883 taħt l-isem ta' *La Nicolina* u kellha l-ewwel Każin fid-dar Nri 45-47 fi Triq il-Parroċċa. Dak il-każin kienu semmewh *Società Filarmonica Nicolò Zammit*, għal dak li kien promutur ewlieni għat-twaqqif tal-banda. L-ewwel surmast direttur kien il-pajżan tagħna Mro Salvu Mallia. Fil-perjodu 1920–1930, li qed nikteb dwaru, hekk kienet u baqgħet il-banda li niftakar jien – fl-istess każin u taħt l-istess surmast.

Meta kelli għaxar snin missieri rranġa mas-Sur Ġużeppi Muscat, li kien jgħallem l-allievi, biex jeħodni nitgħallem il-klarinett u, wara xahrejn, bdejt indoqq mal-Banda taħt is-Surmast Mallia. Dan is-surmast kellu taħt idejh ukoll il-Banda *Unione* ta' Ħal Luqa. Kien imur ta' spiss f'dak ir-raħal għall-kunċerti bil-karozzin u kien jieħu miegħu lis-sur Muscat u xi tliet bandisti oħra u kien jieħu lili wkoll. Domt immur miegħu u ndoqq mal-*Unione* sakemm miet fl-1933.

Il-Banda maż-żmien biddlet isimha u saret dik li hi llum *The St Nicholas Band*, bis-sede tagħha f'każin li jgħaxxqek fil-qalba tal-Pjazza San Nikola.

### Is-Siġġiewi u Jien

Jiena llum ninsab mgħobbi bis-snin li parti minnhom għexthom fil-kundizzjonijiet xejn tajbin li semmejt f'din il-kitba. Is-Siġġiewi llum tbiddel u sar belt imdaqqsa mogħnija bi ġmiel naturali u sar imfittex minn ħafna barranin. Spiċċa l-faqar spjetat, il-ħmieġ, l-ilma mniġġes u l-intejjen u t-toroq kollha nksew b'tarmak lixx li tista' tiekol minnhom. Ħafna mill-abitanti tgħallmu l-iskola u r-raħal imtela b'tobba, avukati, periti, impjegati taċ-ċivil u kull xorta ta' nies tan-negozju u kummerċ. Bdiewa baqa' wkoll imma dawn illum jgħixu ħajjithom f'aktar ħin ħieles. It-tbatija waqt xogħlhom fl-għelieqi ttaffiet qatigħ bl-użu ta' għodda u makkinarju modern, li jagħmlu huma ħafna mix-xogħol li qabel kien isir bl-idejn u bi tbatija li xxejjaħ lil dak li jkun f'qasir żmien. Il-bidwi tal-lum għandu l-ħin li jgħix hieni mal-familja fil-kumdità ta' daru.

Imħabba li kbirt fiż-żmien jien illum m'għadnix ngħix fis-Siġġiewi. Imma qalbi u moħħi hemm baqgħu. F'kitbieti faħħart kemm flaħt lil dan raħal twelidi u għadni niftaħar bih sal-lum. Nieħu gost meta niltaqa' ma' nies tal-post u magħhom inġedded il-memorji tal-imgħoddi. Nieħu gost ngħid li jien mis-Siġġiewi u paxxut ħafna li jien ċittadin ta' dil-belt ċkejkna ta' San Nikola bl-isem ħelu ta' Siġġiewi.

Kun ġeneruż din il-Festa.
Agħmel donazzjoni
lid-Dar tal-Providenza Siġġiewi